MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 244/2012

Kawza fil-lista: 43

**A B**
**vs.**
**C sive D mart l-istess A B minnu legalment separata.**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturipprezentat fl-24 ta' Ottubru 2012 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tiddikjara illi l-konvenuta iddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment minghandu u li konsegwentement l-obbligu li jissoministra manteniment lill-konvenuta ma baqax operattiv u dan almenu sa minn nofs is-sena 2004 u dan peress illi l-konvenuta kienet qed tikkoabita ma' ragel iehor fit-termini ta' klawsola numru 4 tal-kuntratt ta'

separazzjoni ta’ bejn il-kontendenti tal-24 ta’ Jannar 2002 in atti Nutar Dottor Patrick Critein.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta tat-22 ta’ Jannar 2013 li permezz taghha eccepiet b’mod preliminari illi 1) il-kawza hija nulla stante li ma gietx segwita l-procedura idonea u skond il-ligi peress li ma gietx intavolata l-medjazzjoni kif tassattivament jitlob regolament numru 9 tal-Avviz Legali numru 397 tas-sena 2003 u 2) illi t-talbiet kif dedotti ma jistghux jigu milqugha u ghandhom jigu michuda stante li talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja ta’ dekadenza mid-dritt ghall-manteniment kellha tigi preceduta minn talba ghal dikjarazzjoni ta’ separazzjoni.

Rat li fl-udjenza tad-9 ta’ Mejju 2013 l-Avukati tal-partijeit ittrattaw l-ewwel u t-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuta u l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fuq l-imsemmija zewg eccezzjonijiet.

Rat l-atti kollha;

Ikkonsidrat;

Il-partijiet kienu isseparaw in forza ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali  ippubblikat fl-24 ta’ Jannar 2002 in forza ta’ liema il-partijiet ftehmu illi l-attur ihallas lill-konvenuta manteniment fis-somma ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) fil-gimgha oltre s-somma ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400) kull sena fil-jum tal-20 ta’ Dicembru, fuq liema kuntratt gie rizervat id-dritt lill-attur illi jwaqqaf il-hlas tal-manteniment lill-konvenuta jekk tibda tikkoabita ma’ ragel iehor.

**Regolament nru.9 tal-Avviz Legali nru.397/2003**.

Permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha l-konvenuta qed teccepixxi in-nullita’  ta’ dawn il-proceduri istitwiti mill-attur in kwantu l-attur naqas milli jsegwi l-procedura stabbilita bir-**regolament numru 9 tal-Avviz Legali numru 397 tas-sena 2003** qabel ma’ intavola r-rikors guramentat li permezz tieghu inghata bidu ghal din il-kawza.

Ir-regolament 9 imsemmi jistipula *inter alia* illi meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq "(b) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali" allura dik il-parti "ghandha fl-ewwel lok tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 tar-regolament 4 u li tkun ffirmata u tigi pprezentata skond m'hemm f'dik id-disposizzjoni".

M'hemmx kuntrast bejn il-partijiet illi tali ittra ma gietxipprezentata. Il-vertenza li trid tigi deciza permezz tal-prezenti sentenza hija jekk il-procedura ta' medjazzjoni kenitx mehtiega qabel giet intavolata l-kawza.

Il-konvenuta ssostni illi l-procedura ta' medjazzjoni antecedenti l-intavolar tal-kawza hija tassativa u ghalhekk in-nuqqas tal-ittra jirrendi l-procedura odjerna irritwali filwaqt li l-attur isostni illi l-ittra ma kenitx mehtiega peress li permezz tal-kawza odjerna ma kienx qed jintalab varjazzjoni tat-termini ta' kuntratt izda dikjarazzjoni gudizzjarja jekk avveratx ruhha kondizzjoni sospensiva.

Ikkunsidrat;

Regolament numru 9 in dizamina jirreferi ghal "bidliet f'kull haga regolata……..minn kuntratt ta' firda personali". Fil-fehma tal-Qorti il-manteniment pattwit bejn il-partijiet fuq il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali jaqa' fid-definizzjoni ta' materja regolata minn kuntratt ta' separazzjoni ta' firda personali. Il-kelma "**ghandha**" ma thalli l-ebda lok ghal incertezza. Il-htiega tal-ittra sabiex jigu inizzjati l-proceduri ta' medjazzjoni ma hiex fakoltativa izda mandatorja.

Kif irriteniet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza *in parte* moghtija fis-7 ta' Dicembru 2010 fil-kawza **AB vs BC (Citaz nru 501/2007NC)**:-

"In propozitu l-Qorti tosserva li r-regolament [9] ta' l-imsemmi Avviz Legali jirrendi applikabbli l-proceduri ta' medjazzjoni wkoll ghal diversi kazijiet ohra, apparti milli

biex tintalab is-separazzjoni personali. Inkluz fost dawn il-kazijiet
hemm nuqqas ta’ qbil dwar il-kura u kustodja, access u manteniment, kif ukoll “[c] bidliet f’ kull haga regolata minn sentenza ta’ firda personali jew minn kuntratt ta’ firda personali.”[Reg.9[1][c]], u fl-istess sub-inciz ikompli jghid li l-parti ghandha “tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x’ inhi t-talba taghha..”7

Illi r-*ratio legis* ta’ din il-parti tal-ligi huwa car, u cioe’ li meta tinqala’ kwistjoni bejn il-partijiet dwar haga, li tidhol fl-ambitu tal-kazijiet indikati fir-regolament 9, ghandha tinfetah medjazzjoni, qabel ma ssir il-kawza, bl-iskop li l-medjatur jipprova jwassal lill-partijiet ghal ftehim dwar dik il-kwistjoni ndikata fl-istess ittra. Dan ifisser li l-medjazzjoni tkun saret fuq dik il-kwistjoni biss; u ghalhekk, fin-nuqqas ta’ provi li juru l-kuntrarju, il-prezunzjoni hi li dak li gie diskuss fil-medjazzjoni hija l-kwistjoni li tkun giet indikata fl-ittra, sakemm il-kwistjoni ma tkunx indikata b’ mod generali bhala wahda ta’ firda personali fejn allura jigu diskussi l-effetti konsegwenjzali kollha tas-separazzjoni; izda meta bhal fil-kaz prezenti l-ittra tkun limitata ghal haga wahda biss, f’ dan il-kaz l-access favur il-missier, u l-medjazzjoni tkun inghalqet minghajr success u l-parti tkun allura giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza, din l-awtorizzazzjoni tkun valida biss ghall-kwistjoni ndikata fl-ittra.

Ghaldaqstant l-argument formanti l-bazi ta’ l-ewwel eccezzjoni huwa legalment validu fis-sens li l-medjazzjoni li saret u l-awtorizzazzjoni li nghatat, saru u nghataw biss limitatament ghall-kwisjoni ta’ l-access, u ghalhekk ma jkoprux il-problemi formanti parti mit-talbiet ta’ l-attur, bil-konsegwenza li fuq dawn il-problemi ma saritx medjazzjoni, u ghalhekk l-attur meta pprezenta l-kawza odjerna agixxa barra t-termini legali mfassla fl-imsemmi Avviz Legali.”

Din il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni moghtija lir-Regolament numru 9 fis-sentenza appena citata. Una volta in-nuqqas ta’ referenza fl-ittra ghall-medjazzjoni ghal xi aspett principali tal-vertenza huwa ta’ ostakolu sabiex

kawza tipprocedi fuq dak l-aspett partikolari; multo magis jekk addirittura l-ebda ittra ghall-medjazzjoni ma tkun giet ipprezentata qabel tigi ntavolata l-kawza.

Fil-kawza citata il-Qorti, filwaqt li d-dikjarat li li l-medjazzjoni f'cirkostanzi simili kienet mandatorja, irreferiet lill-partijiet ghall-medjazzjoni u issoprasjediet sakemm il-medjazzjoni tigi konkluza. Din il-Qorti tikkondividi d-direzzjoni li kienet tat il-Qorti fil-kawza citata u ser tadottaha fil-kawza odjerna.

**Decide**.

Stabbilit illi l-process ta' medjazzjoni huwa mandatorju qabel jigi trattat il-mertu tal-kawza odjerna, din il-Qorti ser issegwi id-decizzjoni fuq citata moghtija fis-7 ta' Dicembru 2010 minn din il-Qorti diversament preseduta billi tiddikjara li l-attur kien jehtieglu jitlob il-ftuh tal-proceduri ta' medjazzjoni qabel jintavola l-kawza odjerna;

Ghaldaqstant tissospendi l-proceduri odjerni; tordna lill-attur sabiex fi zmien ghaxart ijiem millum jistitwixxi l-proceduri ta' medjazzjoni fir-rigward tat-talbiet attrici,

Tordna l-prosegwiment tal-kawza wara li l-proceduri ta' medjazzjoni jkunu intemmu..

Spejjez ta' din is-sentenza *in parte* a kariku tal-attur.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------